MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru 276/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Vincent Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 63384(m), akkuzat, talli:

1. nhar il-27 ta’ Marzu 2004, ghal habta tal-11.30pm, fil-gnien ta’ Lorry Sant, li jinsab fi Triq Joseph Stivala, Rahal Gdid, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Lewis Briffa, maghruf bhala il-Banana, minn Rahal Gdid, f’perikolu car, ikkagunalu ferita ta’ natura gravi f’wiccu, permezz ta’ arma li taqta’ u bil-ponta, fuq il-

persuna ta’ l-istess Lewis Briffa skond ma ccertifika Dr Aldo Fiorini M.D, liema ferita iggiblu sfreggju fil-wicc u dana bi ksur ta’ l-Artikoli 218(!)(b) u 217 tal-Kap 9;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin tal-lejl gewwa Rahal Gdid, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bi ksur tal-artikolu 338(m) u 338(dd) tal-Kap 9;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxen, indecenti u dagha, bi ksur ta’ l-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9;
4. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Lewis Briffa, John Muscat, Owen John Carabott u Rodrick Aquilina, meta provokat, b’mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr arma li taqta’ u bil-ponta minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Kap 66;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin tad-delitt kontra l-persuni ta’ Lewis Briffa, John Muscat, Owen John Carabott u Rodrick Aquilina, kellu fil-pussess tieghu arma regulari u dana bi ksur tal-Artikolu 26 tal-Kap 66;

Il-Qorti mitluba: sabiex barra mill-piena tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatri tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9; sabiex barra li tahti l-piena tapplika wkoll l-Artikolu 383,384 u 385 tal-Kap 9.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom bghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti, fin-nuqqas ta’ opposizzjoni tieghu;

Semghet l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema’ sommarjament minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat ghandu jirrispondi, fid-dawl tal-fatti riskontrati f'din il-kawza, ghas-segwenti akkuzi, cjoe':
i. bl-akkuza tal-offiza gravi fuq il-persuna ta' Lewis Briffa maghmula b'strument li jaqta' u bil-ponta (penknife) konsistenti din l-ferita gravi fi sfregju gravi u permanenti fil-wicc tal-istess Lewis Briffa;
ii. fl-offizi kontravenzjonali: li bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor; ukoll li b'xi mod mhux imsemmi band'ohra kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; ukoll talli ghad illi jkun xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti;
iii. fl-offiza kontravenzjonali ta' ingurja u theddid lejn haddiehor meta ghalkemm provokat hareg il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
iv. bl-akkuza li garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna.

Issa il-fatti li taw lok ghall-akkuzi kontra dan l-imputat avveraw ruhom f'Gnien Lorry Sant, Rahal Gdid. Jinghad li l-imputat sofra wkoll griehi fil-glieda li nqaghlet bejnu u erba guvintur. Mill-provi johrog car il-fatt li l-imputat kien dak il-hin mat-tfajla tieghu, li ma xehditx f'dawn il-proceduri, u kien miexi fil-gnien flimkien maghha. L-imputat jghid illi hu kien ghall-affari tieghu u gie aggredit. L-uniku xhud li xehed fost l-erba guvintur jghid il-kontra izda mix-xhieda tieghu l-Qorti setghet tinnota certu riluttanza li jghid il-fatti kollha. Kollox ma kollox dina l-Qorti hi fermament konvinta li l-imputat kien l-vittma ta' aggressjoni u fil-waqt li gie aggredit iddefenda ruhu bl-ahjar mod li seta'. Wiehed ma jridx jinsa li fl-aggressjoni l-imputat qala daqqa qawwija bi flixkun f'rasu u thalla abbandunat mal-art mill-aggressuri tieghu. Il-Qorti hi wkoll konvinta li l-imputat ma kellux is-sikkina f'idejh jew fil-pussess tieghu fil-hin li gie aggredit u ghalkemm ma' tistax tghid li s-sikkina kienet f'idejn xi wiehed mill-aggressuri tieghu lanqas pero' mhi l-Qorti konvinta li l-imputat kellu l-pussess taghha, igifieri, li kienet fuq il-persuna tieghu sa minn qabel ma gie aggredit. Dak li huwa fatt hu li l-midrub

fost l-erba' guvintur kellu qasma ta' circa erba centimetri fuq mohhu appena fuq imniehru f' forma ta' 'L' li halliet marka visibbli ghalkemm mhux pronunzjata u dana apparti minn xi feriti zghar ohra u ta' ftit kont. Fil-kuntest ta' dawn il-feriti appena deskritti huwa wisq car li huma gew ikkagunati permezz ta' strument li jaqta u bil-punta (mus), u jidher mill-imputat waqt li kien qieghed jiddefendi lilu innifsu minn aggressjoni ingusta.

Mela, stabbilit, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-imputat kien vittma ta' aggressjoni vjolenti u ingusta u li l-offiza fuq il-persuna ta' Lewis Briffa kienet ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 218(b) tal-Kap 9, li jrid jigi stabbilit hu jekk l-imputat oltrepassa l-limiti tal- auto-difeza. Skond l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali ma hemmx reat meta omicidju jew offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor". F'dan il-kuntest huwa pacifiku li sabiex treggi l-eccezzjoni tal-legittima difiza hu necessarju illi t-theddid, l-aggressjoni, d-dannu jew il-perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli b'daqstant li fir-rigward tal-perikolu huwa jrid ikun attwali, istantanju u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Jehtieg li jkun perikolu attwali igifieri ta' dak il-hin. Fil-fattispecie ta' dan il-kaz dina l-Qorti hija sodisfatta kemm li kien hemm perikolu iminenti u immedjat ghall-inkolumita' tal-imputat u kemm li tnislet fih apprensjoni ghall-inkolumita' tieghu tali li l-mezzi kienu jiggustifikaw r-ripulz tal-aggressjoni.

Inghad dan ghalhekk il-Qorti mhux qed issib l-imputat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------